MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1049/1993/1

**Perit AIC Anthony Spiteri Staines**

**vs**

**Avukat Dottor Kevin F. Dingli nominat b`digriet tat-13 ta` Novembru, 1991, kuratur deputat sabiex jirraprezenta s-socjetajiet esteri Hopewell Holdings Limited, Slipform Engineering Limited u Tileman (S.E.) Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-2 ta` Awissu, 1993, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur ippresta s-servizzi professjonali tieghu bhala perit arkitett u inginier civili lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom fl-ewwel lok in konnessjoni ma` tender li giet

ipprezentata ghar-rigward il-power station ta` Marsaxlokk inkluz il-preparazzjoni tat-tender u fit-tieni lok in konnessjoni max-xiri tal-lukanda Excelsior inkluz opinjoni dwar il-valur tal-lukanda;

Is-socjetajiet konvenuti nonostante li gew interpellati anke ufficcjalment, biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta` drittijiet professjonali u spejjez inkorsi in konnessjoni mas-servizzi professjonali rezi kif fuq imsemmi, baqghu inadempjenti;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom debituri versu l-attur ghad-drittijiet professjonali dovuti lilu in konnessjoni mas-servizzi professjonali rezi minnu kif fuq imsemmi;

2. Tillikwida l-istess drittijiet professjonali anke jekk hemm bzonn permezz ta` perit nominadi;

3. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom biex ihallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat bhala dovut lill-attur bhala drittijiet professjonali kif fuq imsemmi;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-17 ta` Ottubru, 1991 kontra l-konvenut nomine li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li in forza taghha eccepixxa illi:

1. L-azzjoni attrici hija preskritta b`eghluq il-perjodu ta` sentejn a tenur tal-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta) sew in kwantu tikkoncerna s-servizzi professjonali allegatament resi a favur tal-eccipjent nomine in konnessjoni ma` tender illi kienet giet ipprezentata a rigward il-power station ta` Marsaxlokk, kif ukoll in kwantu tikkoncerna s-servizzi professjonali l-ohra allegatament resi a favur tal-istess

eccipjent nomine in konnessjoni max-xiri tal-lukanda Excelsior.

2. Fil-meritu, u minghajr l-ebda pregjudizzju ghal fuq eccepit, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu respinti minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra l-attur ghaliex kif jigi ippruvat ahjar filwaqt it-trattazzjoni tal-kawza l-attur qatt ma kien gie inkarigat mill-eccipjent nomine sabiex irendi xi servizzi professjonali a favur tieghu fir-rigward tat-tender ghall-power station ta` Marsaxlokk ghaliex se mai kien gie inkarigat minn persuna u/jew minn socjeta` jew socjetajiet ohra indipendenti mill-eccipjent nomine, u l-attur qatt ma kien inghata l-ebda inkarigu mill-eccipjent nomine fir-rigward tax-xiri tal-lukanda Excelsior.

3. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri u sussegwenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine li in forza taghha eccepixxa illi:

Dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u dana peress illi l-kawza ma hijiex wahda ta` gurisdizzjoni tal-qrati ta` Malta skond l-Artikolu 741(a) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili peress illi s-socjetajiet kollha konvenuti ma humiex persuni li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili ta` Malta skond kif inhuma kontemplat fl-Artikolu 742(1)(a) – (g) tal-istess Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet limitatament ghall-eccezzjonijiet ta` gurisdizzjoni u ta` preskrizzjoni sollevati mill-konvenut nomine;

Rat id-dokumenti u n-Noti tal-Osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet riferibilment ghal dawn l-eccezzjonijiet;

Rat is-sentenza ta` din il-Qorti tal-4 ta` Lulju, 1996, li in forza taghha irrispingiet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta` gurisdizzjoni sollevata ulterjorment mill-konvenut nomine, kif ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnu dwar dik il-parti tat-talba attrici koncernenti hlas mitlub dwar il-bini tal-power station f`Marsaxlokk u x-xoghol fuq ic-cumnija tal-istess impjant, izda laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu tolqot it-talba ghall-hlas professjonali dwar il-bejgh tal-lukanda Excelsior; l-ispejjez gudizzjarji baqghu rizervati ghal gudizzju finali.

Rat it-talba li saret mill-konvenut nomine biex jitressaq appell minn din is-sentenza preliminari;

Rat l-oppozizzjoni tal-attur;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-23 ta` Lulju, 1996, li in forza tieghu cahdet it-talba tal-konvenut nomine ghall-appell f`dan l-istadju mis-sentenza preliminari ta` din il-Qorti tal-4 ta` Lulju, 1996;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet dwar il-meritu;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tad-9 ta` Frar, 1998, li in forza tieghu innominat bhala Perit Tekniku lill-AIC David Pace sabiex, irrispettivament mill-aspett dwar jekk it-talba dwar hlas dovut lill-attur hijiex fondata jew le, jirrelata jekk oggettivament l-ammont mitlub mill-attur ghax-xoghol u servizzi li huwa jghid li ghamel a beneficcju tal-parti l-ohra huwiex ragonevoli u gustifikat, u f`kaz ta` varjazzjoni, jindika fejn, u dan tenut kont tas-sottomissjonijiet tal-Avukati;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit tekniku;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku minnu pprezentat fl-1 ta` Lulju, 2003, u mahluf fl-udjenza tat-28 ta` Ottubru, 2003;

Rat in-nota tal-konvenut nomine tat-30 ta` Ottubru, 2003, li in forza taghha talab il-hatra ta` periti addizzjonali;

Rat it-talba imressqa wkoll mill-konvenut nomine biex jeskuti lill-imsemmi perit tekniku, u l-lista tad-domandi li ressaq ghal-eskussjoni tal-perit tekniku;

Rat ir-risposti pprezentati mill-perit tekniku u li gew minnu mahlufa fl-udjenza tat-30 ta` Marzu, 2004;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-13 ta` April, 2004, li in forza tieghu cahdet it-talba ghal hatra ta` periti perizjuri;

Rat id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta` Jannar, 2005, li in forza tieghu irrevokat id-digriet moghti min din il-Qorti fit-13 ta` April, 2004, in kwantu cahad it-talba ghall-hatra ta` periti perizjuri;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-10 ta` Marzu, 2005, li in forza tieghu, prevja depozitu ta` Lm1,300 fi zmien 40 gurnata biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-periti perizjuri, innominat bhala periti addizzjonali lil AIC Valerio Schembri, AIC Joseph Ellul Vincenti, u l-AIC Alan Saliba sabiex jirivedu u jaraw jaqblux mal-opinjonijiet espressi mill-ewwel perit tekniku;

Rat ir-rapport ipprezentat fid-9 ta` Marzu, 2006, mill-periti addizzjonali u mahluf mill-periti Valerio Schembri u Alan Saliba fil-25 ta` April, 2006, u mill-perit Joseph Ellul Vincenti fis-17 ta` Mejju, 2006;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-Perit Tekniku, skond l-inkarigu lilu moghti, qies jekk dak li qed jitlob l-attur ghal bini tal-power station f`Marsaxlokk u ghac-cummnija, hux gustifikat u ragonevoli; il-pretenzjoni tal-attur in kwantu tirrigwarda l-lukanda *"Excelsior"* giet korrettament injorata mill-perit tekniku peress li dik il-pretensjoni giet dikjarata perenta minn din il-Qorti. Ix-xoghol illi ghalih l-attur qieghed jippretendi hlas huwa marbut mal-preparazzjoni tat-tender u cioe` t-thejjija

tar-rati u prezzijiet sabiex tintefa` l-offerta tax-xoghol minghand il-klienti tieghu. Biex iwettaq l-inkarigu moghti lilu l-attur zamm diversi laqghat ma uhud mill-konvenuti fl-ufficcju tieghu, u kellu wkoll jifli l-pjanti sabiex jara li l-offerta tal-klient tieghu kienet ragonevoli u kompetittiva. L-attur kien ukoll ipprepara alternattiva ghad-dizinn illi biha huwa kien qieghed jghid illi seta` jigi ffrankat ammont ta` flus. Dwar dan l-ahhar punt, ma jidhirx li l-attur qieghed jippretendi hlas separat, izda semmieh fil-kuntest tal-ezercizzju li hu jghid li ghamel sabiex l-offerta tal-klienti tieghu tkun kemm jista` jkun kompetittiva.

Dwar il-valur tat-tender innifsu, l-attur semma` l-figura ta` Lm6,000,000, liema figura qatt ma giet kontestata, u giet accettata mill-perit tekniku bhala l-figura korretta illi kienet giet mahruga mix-xoghol illi ghamel l-attur flimkien mal-klienti tieghu sabiex jippreparaw id-dokumenti ta` l-offerta. Kif spjega l-perit tekniku, il-kejl tal-progett ma nhadimx mill-attur b`mod izolat, izda mal-klienti tieghu stess prezenti. Il-perit tekniku ma deherlux li l-attur kien qed jivvinta meta indika dan il-valur; il-klienti kienu prezenti hawn Malta u hadmu flimkien mal-attur fil-preparazzjoni tad-dokumenti, u ghalhekk kienu jafu ezatt x`kien qieghed jaghmel l-attur ghalihom u, ghalhekk, meta l-attur indika dik is-somma bhala l-valur tat-tender kellhom, fi stadju opportun, jirregistraw l-oppozizzjoni taghhom jekk ma kienux jaqblu maghha, izda mill-provi ma jirrizultax li huma qatt ghamlu dan.

Dwar il-valur tal-progett ta` bini tac-cumnija, l-attur indika ammont ta` Lm1,000,000, li wkoll ma gietx kontestata mill-konvenut u giet accettata mill-perit tekniku.

Il-Perit Tekniku ezamina x-xoghol li l-attur qal li wettaq in konnessjoni ma dawn iz-zewg progetti u wara li qies in-natura tax-xoghol indikat, u ezamina d-dokumenti li gew ipprezentati lilu, wasal ghal konkluzzjoni li l-attur, fil-fatt, haqqu hlas ghax-xoghol li wettaq fuq il-progett tal-power station. Hu ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

*“Ikkonsidrat is-suespost u tenut ukoll dak illi xehed l-attur fis-sens illi ma ghamlux ezercizzju biss illi jipprezzaw ix-*

*xogholijiet izda vverifikaw il-qisien u biex tghid hekk regghu hadmu l-"quantities" tal-kuntratt sabiex jivverifikaw illi l-ammonti u l-offerta globali kienet ser tkun korretta u anke kkonsidrat dak illi xehed l-attur illi ghamlu ezercizzju fejn ikkorreggew xi partijiet mid-dizinn sabiex johorgu d-dizinn illi kien ser jiffranka l-flus, l-esponent jidhirlu illi ghalkemm l-attur ma ppreparax mill-bidu nett il-"bills of quantities by trade" kif imsemmi fit-Tariffa K pero` certament rega` ghamel hafna minn dan ix-xoghol u wkoll ghamel dizinn parzjali ta` l-istess kuntratt mill-gdid u ghamel analizi sabiex iqabbel id-dizinn kif mahrug minnu minn dak li kien qed jigi pprogettat skond id-dokumenti kontenuti fl-offerta, allura jfisser illi sar hafna mix-xoghol ikkontemplat fit-Tariffa K paragrafu 5, sub-paragrafu (b) u ghalhekk huwa jidhirlu illi ghandha tigi applikata r-rata ta` wiehed u nofs fil-mija (1 ½) illi jfisser ghalhekk illi d-dritt dovut lill-attur fuq dana l-appalt huwa ta` wiehed u nofs fil-mija (1 ½%) ta` sitt miljun lira (Lm6,000,000) u cioe` disghin elf lira Maltin (Lm90,000)".*

Ghar-rigward ix-xoghol fuq ic-cumnija, jirrizulta li l-attur ma hadimx fuq il-preparazzjoni ta` l-offerta u t-tender, u lanqas ipprepara x`dizinji jew applika ghal permessi jew b`xi mod kien konness mad-dizinn preliminari jew progettazzjoni preliminari ghax-xoghol tal-bini tac-cumnija. Il-perit tekniku, wara li ezamina l-pretenzjoni tal-attur fuq din il-materja, ghamel is-segwenti kummenti:

*"L-involviment ta` l-attur mal-konvenuti kif jirrizulta mix-xhieda kienet limitata sa dak in-nhar fil-preparazzjoni tat-tender sabiex huma jkunu jistghu jitfghu l-offerta u ghalhekk sa dak l-istadju la darba l-attur ma kienx involut fil-preparazzjoni tat-tender ghac-cumnija l-esponent ma jidhirlux illi hemm xi dritt dovut ghal telf ta` xoghol. Bhala procedura li kieku t-tender intrebah kien ikun hemm in-negozjati sabiex tigi ffissata r-remunerazzjoni ta` l-attur ghat-tieni fazi u cioe` l-involviment tieghu fl-esekuzzjoni ta` l-appalt. Ma jirrizultax pero` illi dawna n-negozjati kienu saru u kwindi l-esponent jista` biss jikkummenta dwar l-ewwel fazi u cioe` l-preparazzjoni ta` l-appalti. Kif intqal diga` jidher car illi l-attur ma kienx involut fil-preparazzjoni ta` l-offerta ghall-bini tac-cumnija u kwindi*

*huwa ma jhossx illi hemm xi dritt dovut lill-attur ghal xoghol fuq ic-cumnija tal-Power Station".*

Il-Periti addizzjonali qablu mal-ewwel perit tekniku li l-attur ma haqqux kumpens fuq ix-xoghol tal-bini tac-cumnija, izda fil-waqt li qablu mieghu wkoll li l-attur haqqu kumpens ghax-xoghol li wettaq fuq il-progett tal-power station, ma qablux mieghu dwar l-ammont ta` kumpens dovut. Fil-waqt li l-ewwel perit tekniku qies li l-attur haqqu 1 ½% tal-valur tal-progett, il-periti perizjuri irrelataw li l-attur haqqu biss 0.25%, u dan wara li qiesu li hafna mix-xoghol, inkluz dak tal-gbir tal-quantities, sar kollu mill-Enemalta jew konsulenti taghhom, u dak li ghamel l-attur, cioe`, jaqra l-ispecifications u jiffissa rata ghal dan ix-xoghol, ma sarx kollu wahdu, peress li l-konvenuti kienu jmorru l-ufficcju tieghu u jahdmu flimkien biex jimlew it-tender.

Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-process u thoss li aktar ghandha taghti affidabilita` lir-rapport tal-perit tekniku. Hu veru li l-attur kellu *"ghajnuna"* tal-konvenuti fit-thejjija tal-ispecifications u ma kienx hu li gabbar il-quantities, pero`, bhala l-perit li kien se jkun inkarigat mill-progett, hu assuma responsabilita` professjonali ghall-konkluzzjonijiet minnu milhuqa. Kieku inqalghet xi problema fil-kors tat-twettiq tal-progett, ir-responsabilita` tal-attur kienet tkun wahda shieha u kompleta, u ma tkunx difiza tieghu li, fil-hrug tal-ispecifications, kellu l-ghajnuna tal-klient! Il-Perit kellu jezamina fid-dettal il-*bill of quantities* peress li, ghas-sodisfazzjon tal-klienti tieghu, kellu jivverifa l-ammonti, u ghal dak ix-xoghol *"ta` revizzjoni"* hu assuma responsabilita` professjonali li ma tigiex imxejna bil-fatt li ma kienx hu li, fl-ewwel lok, ippreparhom. Il-klienti taw inkarigu lilu, u ghar-rizultat hu assuma responsabilita` diretta u esklusiva fil-konfront taghhom. Mistoqsijiet fuq ir-rizultat, kellhom jigu diretti lill-attur, u dan ma jkunx jista` jehles mir-responsabilita` billi jghid li mhux hu ipprepara l-*quantities* fl-ewwel lok. Hu kellu jkun f`pozizzjoni jiddefendi r-rati, l-ispecifications u dak kollu li ghadda minn taht idejh, u ghal din ir-responsabilita` legali kellu dritt jithallas skond it-tariffa ufficcjali indipendentement mill-hin li seta` iddekika ghax-xoghol.

Din il-Qorti tqies ukoll li ghandha taghti aktar affidabilita` lill-ewwel perit tekniku, peress li l-materja irriduciet ruhha aktar f`apprezzament tal-provi u tad-dokumenti esebiti, u l-ewwel perit tekniku kien f`pozizzjoni ahjar li jaghmel dan peress li hu sema` lill-partijiet viva voce, u kellu l-opportunita` jezamina u jevaljuwa l-provi u d-dokumenti man mano li dawn gew prodotti. Dan mhux kaz fejn kemm l-ewwel perit kif ukoll il-periti addizzjonali kienu f`pozizzjoni identika, u tara li l-ewwel perit kien f`sitwazzjoni ahjar biex jikkunsidra l-provi ta` din il-kawza. Hawnhekk, din il-Qorti qed isegwi dak li ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Wismayer noe et vs Falzon noe et", deciza fid-29 ta` April, 1996, li ddecidiet il-kawza a bazi ta` dak li irrelatata l-ewwel perit tekniku, u skartat l-opinjonijiet tal-periti adizzjonali kif kienet ghamlet ukoll l-ewwel Qorti. F`dan il-kaz, pero`, minhabba d-dubju li gie mahluq mill-periti addizzjonali, l-Qorti sejra tvarja l-konkluzzjoni tal-ewwel perit tekniku u tapplika rata ta` 1%, illi jfisser li d-dritt dovut lill-attur fuq il-progett tal-power station huwa ta` Lm60,000.

Dwar il-progett tal-bini tac-cumnija, din il-Qorti taqbel mal-periti nominati li l-involviment tal-perit ma kienx wiehed li jimmerita kumpens.

Il-Qorti taqbel mal-perit tekniku meta rrimarka illi l-fatt li s-socjetajiet konvenuti ma hadux it-tender m`ghandu ebda rilevanza ghall-meritu tal-kaz. Il-hlas tad-drittijiet tieghu ma kienux marbuta mas-success o meno tal-offerta illi eventwalment tefghu l-klienti. L-attur ippresta s-servizzi tieghu professjonali, u ta` dana ghandu jithallas skond kif regolat mit-Tariffa *"K"*, tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghall-kull buon fini, jista` jinghad li t-talba tal-attur hija wahda *da liquidarsi*, u kwindi l-Qorti mhux limitata fl-ammont li tista` tillikwida bhala kumpens.

Stabbilit dan il-punt, il-Qorti trid issa tara jekk dan il-hlas hux dovut mill-konvenuti jew le, u dana fid-dawl tal-eccezzjoni tal-konvenuti li huma qatt ma inkarigaw lill-attur sabiex irendi xi servizzi professjonali a favur taghhom.

Trattat din il-kwistjoni, l-Qorti tqis li din l-eccezzjoni mhux gustifikata u dana peress li mill-provi jirrizulta li rapprezentanti u ufficcjali tas-socjetajiet konvenuti kienu gew hawn Malta biex jiddiskutu t-tender mal-attur. Fost dawn ir-rapprezentanti kien hemm John Bedford, ghas-socjeta` Tileman (S.E.) Ltd, David Ewin ghas-socjeta` Slipfarm Engineering Ltd, u David Blamfield u Mr. Chen, ghas-socjeta` Hopewell Holdings Ltd. Kien gie hawn Malta anke Steward Elliot, direttur tas-socjeta` Hopewell Holdings li wkoll innegozja fuq it-tender mal-attur. Ghalkemm dawn is-socjetajiet jallegaw li huma kienu taht l-impressjoni li l-attur kien gie mqabbad minn kumpanija ohra, jirrizulta li, bhala fatt, l-attur hadem u rrenda servizzi a beneficcju tas-socjetajiet konvenuti, li da parti taghhom inqdew bis-servizzi tieghu (tlett gimghat shah ta` laqghat fl-ufficcju tieghu) biex setghu jressqu l-offerta taghhom ghall-progetti in kwistjoni. Fil-process hemm ukoll korrispondenza li tikkonferma l-uzu li ghamlu l-konvenuti mis-servizzi tal-attur.

L-introduzzjoni tal-progett tal-bini tal-power station mas-socjetajiet konvenuti setghet saret minn kumpanija ohra, li wkoll setghet kienet hi li introduciet lill-attur biex jassisti fil-formular tat-tender documents, pero`, kienu is-socjetajiet konvenuti li tefghu t-tender u ghal dan accettaw l-ghajnuna tal-perit attur, u ghal din l-ghajnuna huma ghandhom ihallsu skond it-Tariffi ufficcjali. L-attur ma kienx ghadu gie infurmat li, jekk tittiehed it-tender, hu kien se jitqabbad biex jassisti fl-esekuzzjoni tal-kuntratt, pero`, ghal preparazzjoni tat-tender documents da parti tal-*consortium* konvenut, kien l-attur li ta` s-servizz professjonali tieghu.

Kif spjega wkoll Anthony Folden, direttur tad-ditta Petroil Engineering & Construction Co. Ltd, id-ditta tieghu ma kienetx se tkun involuta fit-tender process, izda biex tramite din il-kumpanija u ohra registrata fl-Inghilterra, *“to get people from various sectors that would be able to offer their services”*. Kien huwa li introduca l-persuni involuti, inkluz l-attur, izda s-servizzi li taw dawn il-persuni kienu ghal *consortium* konvenuta li tefghet it-tender.

Jekk l-attur kienx involut fil-progett tal-bejgh tal-Exelsior hija materja ohra li din il-Qorti ma jehtigilhiex tinvestiga peress illi, kif inghad, il-pretensjoni tal-attur in konnessjoni ma` dan il-progett giet dikjarata minn din il-Qorti bhala estinta.

Fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqies li l-konvenuti ghandhom jitqiesu responsabbli ghad-drittijiet dovuti lill-attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur is-somma ta` Lm60,000 (sittin elf liri Maltin) ghas-saldu tad-drittijiet professjonali dovuti lill-attur ghas-servizzi minnu rezi lill-konvenut nomine; l-imghaxijiet fuq din is-somma jiddekorru millum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, jithallsu kwantu ghall-terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------